**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO BA. LL.D.**

Każ Numru: 824/24

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Antonello Magri)

kontra

**JOSEF BONNICI**

(Detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 384194(M))

**Illum id-9 ta' Diċembru 2024**

**IL-QORTI,**

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' **Josef Bonnici** ta' 30 sena, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 384194(M) imwieled Pieta' nhar it-3 ta' Settembru 1994, bin Antonio u Maria nee' Caruana u resident fi Blokk 1, flat 1, Misraħ Ħal Tmin, Żejtun, permezz ta' liema ġie akkużat talli nhar l-10 t'Ottubru 2024 bejn 19.45hrs u 20.45hrs ġewwa r-residenza Blokk 1, Flat 1, Misraħ it-Tmin, Żejtun:

1. Kkaġuna biża' lil Maria Bonnici u Antonio Bonnici (ġenituri) li ser tintuża vjolenza kontra tagħhom jew kontra l-proprjeta' tagħhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet liema delitt twettaq kontra l-ġenituri u/jew fil-prezenza ta' minuri dan bi ksur ta' artikoli 251(3); 251H; 251HA u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

2. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor ċioe' Washing Machine għad-dannu ta' Maria Bonnici u Antonio Bonnici fejn l-ammont ma jiskorriex il-mitejn u ħamsin ewro (Eur. 250) u dan bi ksur tal-artikolu 325(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;
3. Għamel inġurji u/jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Maria Bonnici u Antonio Bonnici u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni inkluża fil-mori tal-kawża kontra Josef Bonnici għall-benefiċċju ta' Maria Bonnici u Antonio Nonnici dan ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex barra illi tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' Maria Bonnici u Antonio Bonnici, dan u f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa;

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imsemmija persuna tħass id-danni tabiliti skond l-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali.

Semgħet ix-xhieda u rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-imputat jiddikjara u sussegwentament jerġgħa jikkonferma li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dan wara li l-Qorti tatu żmien sabiex jirtira l-imsemmija ammissjoni wara li solennement spejgatlu il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni, tagħtu żmien jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u jikkonsulta mal-avukat tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet in kwantu għall-piena li għandha tiġi erogata fejn il-partijiet kollha qablu li l-piena idoneja fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern hija dik t'Ordni ta' Probation fil-massimu permissibbli bil-liġi flimkien m'Ordni ta' Trattament.

Rat il-pre-sentencing report ippreżentat mill-Probation Officer (Dok. JF);

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu ġew ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi;

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjonijiet li tagħhom l-imputat ser jinsab ħati. B'referenza għan-

natura tar-reati miġjuba fil-konfront tiegħu jrid jingħad li fil-fehma ta' din il-Qorti dawn ir-reati huma mill-aktar serji. Biża' ta' vjolenza fil-konfront tal-persuni, li llum il-ġurnata għandhom iktar minn sittin sena u għaldaqstant meqjusa persuni vulnerabbli, ma għandha qatt tiġi ttollerata, hu min hu l-aggressur. Dan, iktar u iktar meta l-aggressur huwa iben l-istess vittmi u li għaldaqstant għandu sa ċertu punt l-obbligu li jieħu ħsieb il-ġenituri tiegħu issa li qed wasslu f'eta' ta' vulnerabbilita'. Madanakollu din il-Qorti qieset ukoll l-isfond tal-isfidi li preżentament qed jaffaċċja l-imputat u dan dejjem skond dak iddikjarat fil-presentencing report. Mill-istess rapport jidher li preżentament l-imputat qed jaffaċċja l-isfidi tal-vizzju tad-droga kif ukoll problemi ta' rabja. Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn l-isfidi jistgħu jkunu qed jaffettwaw lill-imputat fl-aġir tiegħu fir-relazzjonijiet familjari inkluż fir-relazzjoni tiegħu mal-ġenituri. Qieset ukoll il-fedina penali netta tal-istess imputat kif ukoll il-fatt li dan jidher li huwa l-ewwel każ tal-imputat odjern mal-Qrati tal-Ġustizzja. Qieset l-ammissjoni bikrija tal-imputat fejn huwa irreġistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri tal-proceduri odjerni kif ukoll il-kooperazzjoni tiegħu mal-pulizija fl-iter tal-investigazzjonijiet tagħhom. Finalment, Qieset ukoll il-presentencing report imħejji mill-uffiċjal tal-probation minn fejn jidher li l-imputat għadu bżonn l-għajnuna sabiex jibda jindirizza l-problema dwar il-vizzju tad-droga kif ukoll ċerti aspetti tas-saħħa mentali bħal element tar-rabja. Finalment, din il-Qorti tat ukoll piż għall-qbil li kien hemm bejn il-partijiet anke jekk dan ma sarx formalment b'rikors konġunt hekk kif titlob il-liġi.

B'hekk tenut kont il-fatti suesposti din il-Qorti taqbel ma dak sottomess mill-partijiet quddiemha li l-piena idoneja hija dik t' ordni ta' probation akkumpanjata b'ordni ta' trattament.

## Decide:

Għal dawn il-mottivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi, senjatament l-artikoli 251(3); 251H; 251HA; 202(h); 325(1)(c) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, qed issib lill-qua imputat Josef Bonnici ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrieh u a tenur tal-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tpoġġi lill-istess ħati Josef Bonnici taħt ordni ta' probation għall-perjodu ta' tlett snin, liema ordni għandha tinkludi ordni ta' trattament a tenur tas-subartikolu 7(5) tal-istess Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta u dan sabiex l-imputat, fl-istess żmien li fiha jkun taħt Ordni ta' Probation, ikun jistgħa jingħata l-kura sabiex jindirizza l-problemi relatati ma' drogi u saħħa mentali (partikolarment *anger management*).

A tenur tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Maria Bonnici u Antonio Bonnici u sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, din il-Qorti, qed torbot lill-ħati Josef Bonnici għal żmien sitt xhur b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' elfejn Ewro (Eur. 2,000).

A tenur tas-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti spjegat lill-ħati, Josef Bonnici, bi kliem ċar li huwa jifhem, ir-reponsabbilita' tiegħu jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu mal-ordni probation li tinkludi ordni ta' trattament jew inkella jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv tal-istess Ordni.

Finalment din il-Qorti qed tordna komunika tas-sentenza lill-Uffiċċju tal-Probation u Parole filwaqt li qed tordna ukoll li kopja eletronika tal-atti u s-sentenza jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali skond il-liġi.

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO BA. LL.D.**

Christine Farrugia

**Deputat Reġistratur**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO BA. LL.D.**

**ORDNI TA' PROBATION**

*(MAGĦMUL SKOND L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

**Illum, id-9 ta' Diċembru 2024**

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Antonello Magri)

**vs**

**JOSEF BONNICI**

**Il-Qorti,**

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, Josef Bonnici ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u ġie mpoggi taħt Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-0rdni ta' *Probation*;

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' *Probation* (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446) u illi jekk jonqos li jħares din l-Ordni jew jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' tlett snin ikun jista jiġi kkundannat għar-reat li għalih qiegħed jigi magħmul din l-Ordni, u illi l-ħati wera li jrid iħares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*;

**Għalhekk tordna li l-ħati Josef Bonnici**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 384194(M) u resident fi ——————————————————————————

**ikun għal perjodu ta' tlett snin millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Probation taħt dawn il-kundizzjonijiet**:

1. Li matul il-perjodu ta’ probation, il-ħati għandu iġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Probation Officer inkluż in kwantu għad-direttivi mgħotija rigward l-Ordni ta’ Trattament u jzomm dak il-kuntatt meħtieg u mitlub mill-uffiċjal tal-*probation* maħtur lilu.

2. L-Ufficjal tal-*probation* maħtur għal dan l-iskop għandhu/a j/tirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati, kull sena.

3. Il-ħati għandu javza immedjatament lill-uffiċjal tal-probation b’kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu.

4. Li għandu jzomm ruħu f’kuntatt ma’ l-uffiċjal tal-Probation skond id-direttivi li tagħtih minn zmien għall-iehor l-istess Uffiċjal tal-Probation; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċjal tal-Probation ikun hekk irid/trid, jirċievi zjarat ta’ l-istess Ufficjal tal-Probation.

**TORDNA** li kopja ta’ din l-Ordni tinghata lil hatja u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficcju tal-*Probation Services* ai termini ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

……………………………………

(firma tal-persuna mqeghda

taht probation)

…………………………………..

D../Registratur

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**ORDNIJIET TA' TRATTAMENT**

(MAGĦMUL SKONT L-ART. 7(5) TAL-KAP.446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

**Maġistrat Dr. Elaine Rizzo**

**Illum id-9 ta' Diċembru 2024**

**Il-Puliżija**

(Spettur Antonello Magri)

**vs**

**JOSEF BONNICI**

**Il-Qorti,**

Billi b'sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, **Josef Bonnici** ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Trattament ai termini tas-subartikolu 7(5) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament;

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-ordni ta' trattament u r-responsabilita' tal-ħati f'każ li huwa jonqos li jħares jew li milli jikkonforma ruħu ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-ordni sakemm dan l-ordni jkun fis-seħħ;

Wara li l-ħati wera li jrid iħares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Trattament;

**Għalhekk, tordna li Josef Bonnici**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 384194(M) u resident fi

______________________________________________________________________

**jitpoġġa taħt ordni ta' trattament għal perjodu ta' tlett snin millum taħt il-kundizzjonijiet hawn taħt imsemmija.**

1. It-Trattament ser ikun sabiex Josef Bonnci jindirizza l-problema tad-droga u problemi ta' saħħa mentali sabiex ikun f'posizzjoni aħjar li jirregola l-aġir, l-emozzjonijiet u l-komportament tiegħu f'ambitu ta' relazzjonijiet u vis-a-vis terzi;
2. Li matul il-perjodu tal-Ordni ta' Trattament, l-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-uffiċċjal Probation u jżżomm dak il-kuntatt meħtieġ mill-uffiċċjal tal-Probation maħtur lilu skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.

3. L-Uffiċċjal tal-Probation maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sena.

4. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-uffiċċjal tal-Probation b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu;

5. Li għandu jżżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċċjal tal-Probation skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċċjal.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati/ja u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċċju tal-*Probation Services.*

***F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux segwiti, issir denunzja, mill-Uffiċċjal tal-Probation quddiem il-Qorti kkonċernata*.**

______________________________

**(firma tal-persuna mqiegħda taħt**

**l-Ordni ta' Trattament)**

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| **Deputat Reġistratur** | **Maġistrat** |